# IL-ĠNIEN

Il-ġnien tal-'Gotti' ġenna għalina kien.
Jew ġungla. Ġgajta subien 'slavaġ' nikkaċċjaw
Qisna l-Indios ta' l-Amażonja (ħlief għal ħwejjeġ).
Siġar kbar b'għeruq u frieghi mastodontiċi;
"X'inhuma?" "Mas-to-don-tiċi ! U int ma tifhimx !
Ara ġejja l-gurilla s-sewda !" (il-ġardinar).

Jien Adam, jew ix-xaman (jew Tarżan) ħalqi oraklu;
(skola privata, 'Look & Learn', 'Untamed World' eċċ)
"Dak 'dragonfly' mhux ħelikopter, injorant !
Faqa' kamalejonte? Temmnuhx ! Kien xaħmet l-art !"
'Xaħmet l-art'. Kont nogħxa nlissinha l-kelma torbot eżatt.

Sakemm darba l-ġenna ġġarfet. Sfajt għeri, umiljat.
"Ma tafx x'inhi?" "Ma nafx, ħalluni, ma nafx !"
Mhix ġurat. Rasha maqrut, ġisimha mislut, idejha mqass !
Il-gurilla s-sewda: "Dik tieklu lir-raġel wara li..."
"Wara xiex? Wara xiex?"... Debba tax-Xitan !

**Henry Holland**